**NOMINA TA’ DOTT. GODFREY C. XUEREB GĦALL-ĦATRA TA’ AMBAXXATUR TA' MALTA RESIDENTI GĦAL WASHINGTON**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X’taħseb li huma l-isfidi li għandha l-Istati Uniti? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f’dan il-pajjiż? X’inhuma l-binarji, b’mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f’każ li tinħatar ambaxxatur?

   L-isfidi prinċipali tal-Istati Uniti bħalissa huma relatati mal-inflazzjoni u l-ekonomija in ġenerali, kif ukoll l-isfidi relatati mal-immigrazzjoni u t-tibdil fil-klima.

   L-Istati Uniti, u speċifikament l-amministrazzjoni tal-President Biden, qed tindirizza dawn l-isfidi b’mod sistematiku. Filwaqt li bħall-pajjiżi tad-dinja kollha l-inflazzjoni qed tolqot fil-laħam il-ħaj, u speċjalment fejn jidħol il-prezz tal-fjuwil, l-ekonomija, fuq termini reali, fl-aħħar kwart ta’ din is-sena, kibret bi 2.6%. Dan kien “rebound” wara diversi xhur ta’ “predictions” negattivi dwar l-ekonomija. Fuq l-istess venja l-qgħad naqas bi 3.5% f’Settembru u dawk f’impjieg żdiedu b’204,000.

   It-tieni sfida hija l-kwistjoni tal-immigrazzjoni lejn l-Amerika, speċjalment min-naħa ta’ isfel tal-kontinent. Din nallaċċjaha mal-kwistjoni tat-tibdil fil-klima u s-sitwazzjoni politiko-ekonomika fid-dinja, imma speċjalment fil-pajjiżi li huma parti mill-kontinent Amerikan. L-Istati Uniti tkompli toffri opportunità ta’ xogħol lil ħafna immigranti li jidħlu fil-pajjiż b’mod legali. F’dawn l-aħħar snin dan kien jinkludi nies li jaħdmu fl-informatika, fil-mediċina u r-riċerka. Fl-2020 l-Istati Uniti baqgħet l-aktar pajjiż fid-dinja li ospitat immigranti formali b’51 miljun persuna. Iżda ma’ dawn jidħlu numru konsiderevoli ta’ immigranti lleġali (11.4 miljun fl-2018), partikolarment minn pajjiżi ġirien fejn jew minħabba t-tibdil fil-klima, jew minħabba l-politika instabbli fl-Amerika Ċentrali, jew minħabba l-inċertezzi ekonomiċi, dawn iċ-ċittadini jagħmlu d-deċiżjoni li jidħlu l-Istati Uniti b’mod illegali. Filwaqt li l-Amministrazzjoni tal-President Biden biddlet ħafna mir-regoli li kienu daħlu taħt l-Amministrazzjoni tal-President Trump, il-problema tal-immigrazzjoni llegali tibqa’ fuq quddiem fl-aġenda tal-pajjiż. L-Amministrazzjoni Biden, taħt il-gwida tal-viċi President Kamala Harris ħarġet bi strateġija dwar l-immigrazzjoni li fiha jindirrizzaw il-kawżi prinċipali (root causes) ta’ din il-problema. F’dan ir-rigward hemm fokus diplomatiku u ekonomiku f’pajjiżi ġirien bħal El Salvador, il-Gwatemala u l-Ħonduras. F’dan il-pjan l-Istati Uniti qed jikkollaboraw mal-Ġnus Magħquda u ma’ pajjiżi bħall-Ġappun, il-Korea t’Isfel u l-Messiku.

   F’dan il-kuntest, il-pjan tiegħi għall-perjodu li ser inkun qed inservi bħala Ambaxxatur ta’ Malta, jekk niġi approvat mill-kumitat, ser ikun imfassal fuq tliet binarji:

   L-Ewwel:
   Fis-sentejn li ġejjin Malta ser ikollha l-opportunità unika li tkun qed tokkupa siġġu fuq il-Kunsill tas-Siġurtà tal-Ġnus Magħquda. Bl-Istati Uniti tal-Amerika tokkupa l-pożizzjoni ta’ membru permanenti tal-Kunsill, għandna nieħdu din l-opportunità li nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna permezz ta’ “outreach” mal-kabinett tal-President Biden, speċjalment ma’ dawk is-Segretarji tal-Istat u l-uffiċjali għoljin li huma qrib tal-erba’ prioritajiet tal-mandat tagħna. Jiġifieri (a) il-klima u l-ibħra; (b) it-tfal u l-kunflitti armati; (ċ) in-Nisa, il-paċi u s-siġurtà; (d) l-illiterizmu.

F’dan ir-rigward irridu wkoll nesploraw aktar dwar kif l-Amerika ser tkompli tikkopera ma’ Malta biex insaħħu s-siġurtà fil-Mediterran, speċjalment f’dan il-perjodu delikat li tinstab fiha kemm l-Ewropa kif wkoll l-Afrika ta’ Fuq. Irridu nsaħħu is-“Central Mediterranean Security Initiative” (CMSI) sabiex inkomplu nibnu fuq il-kollaborazzjoni eċċellenti li diġà waqqafna bejn il-pajjiżi li qed jipparteċipaw fis-CMSI. Irridu wkoll inkomplu naħdmu flimkien biex neliminaw it-traffikar tal-persuni fi kwalunkwe parti tad-dinja u speċjalment it-traffikar tan-nisa u t-tfal.

Finalment irridu naħdmu flimkien biex inkomplu nsaħħu x-xogħol dwar il-klima u l-ibħra u hawnhekk Malta għandha l-opportunità li tkun l-ixprun u l-vuċi tal-gżejjer iż-żgħar. Fil-ħidma tagħna mal-Istati Uniti rridu nużaw ir-relazzjonijiet tajba tagħna u nservu ta’ pont bejn il-pajjiżi ż-żgħar, li ħafna minnhom huma membri tal-Commonwealth, fir-rigward tal-effetti tat-tibdil fil-klima u l-ibħra. Dan ukoll fil-kuntest tal-“Blue Economy” u tnaqqis tat-tniġġiż fl-ibħra u l-ajru.

It-Tieni:
l-Kanada u l-Amerika huma t-tieni u t-tielet pajjiżi fejn hemm l-aktar persuni ta’ dixxendenza Maltija. Fi New York, New Jersey u Connecticut biss hemm madwar 110,00 persuna ta’ dixxendenza Maltija. Hemm kwazi 40,000 ta’ dixxendenza Maltija f’Toronto.

Irrid nibda biex nuri l-apprezzament tiegħi għall-kontribuzzjoni li l-Maltin taw u qed ikomplu jagħtu fl-Istati Uniti. Għalhekk irridu nkomplu nsaħħu l-ħidma mad-diaspora Maltija mhux biss għaliex huma wlied Malta, imma wkoll għaliex hemm potenzjal enormi ta’ kapital uman li għandna nutilizzaw għall-benefiċċju tal-iżvilupp ta’ Malta. Hemm tliet aspetti importanti tad-diaspora. L-ewwel dawk li oriġinarjament twieldu Malta u li llum huma avvanzati fiż-żmien. Ma’ dawn irridu nsaħħu l-esperjenzi tagħhom, nippreżervaw l-istejjer ta’ meta emigraw u kif irrnexxew fil-pajjiż addottiv tagħhom. It-tieni huma dawk li emigraw riċentament u dawk li huma l-ewwel ġenerazzjoni li twieldu minn ġenituri Maltin. Ma’ dawn irridu nkattru l-kuntatt u nesploraw aktar kif dawn jistgħu jikkontribwixxu lura Malta kemm fil-qasam tat-taħriġ, fl-investiment u fil-kummerċ. It-tielet ġrupp huwa dak ta’ età aktar żgħira, it-tieni u t-tielet ġenerazzjoni tad-diaspora, u li dejjem għexu barra minn Malta. Ma’ dawn irridu nsaħħu l-kultura u l-lingwa Maltija sabiex din tibqa’ dejjem qrib din il-parti tal-popolazzjoni, li għalkemm għandha għeruq ġenetiċi Maltin, imma kulturalment u filożofikament huma estranji mill-gżejjer Maltin, ħlief għar-rakkonti tan-nanniet dwar Malta tal-imgħoddi.

Permezz ta’ kuntatt personali qrib mad-diaspora, kif ukoll permezz tal-konsolati tagħna fl-Amerika u l-Kanada, irridu nsaħħu dawn l-aspetti tad-diaspora. Irrid insaħħaħ ir-relazzjonijiet tagħna mal-membri tad-diaspora, u l-ħbieb tad-diaspora għax dan huwa wkoll importanti għat-tielet binarju tal-pjan tiegħi.

It-Tielet:
L-aspett tal-kummerċ, it-turiżmu u l-edukazzjoni huma tliet “areas” fejn irridu ninvestu aktar fir-rigward tar-relazzjoni tagħna mal-Amerika. L-Amerika timporta madwar 353 biljun Ewro mill-Unjoni Ewropea u l-maġġoranza ta’ dawk li jesportaw lejn l-Amerika huma SMEs. L-esportazzjoni ta’ Malta lejn l-Amerika hija ta’ madwar 119 miljun Ewro fis-sena, li għalkemm ifisser bilanċ pożittiv, għax nimpurtaw madwar 107 miljun Ewro,

hemm spazju kbir fejn nistgħu nżidu l-esportazzjoni. Irridu nsaħħu l-kooperazzjoni fi swieq "niche" bħalma huma dawk tal-IT u l-komunikazzjoni diġitali, e-sports, il-farmaċewtika u s-saħħa, speċjalment f'areas bħall-kannabis mediċinali u l-"medical technologies". Irridu naħdmu qrib mal-industrija tal-films sabiex nesponu aħjar il-faċilitajiet li għandha Malta f'dak li jirrigwarda din l-industrija. Flimkien mal-Malta Enterprise u ma' dawk kollha interessati jiena lest li naħdem biex jissaħħaħ il-kummerċ bejn Malta u l-Amerika.

Dan iġibni għat-tieni aspett kummerċjali, jiġifieri dak tat-turiżmu. Kemm l-Amerika kif wkoll il-Kanada għandhom potenzjal kbir. Irridu nsaħħu in-"niche tourism" u t-turiżmu tal-konferenzi, li reġa' beda jieħu r-ruħ wara l-pandemija. Malta għandha vantaġġ li fl-Amerika jafuha mill-bibbja bħala l-Gżira ta' San Pawl, għandna storja kbira arkeoloġika, għandna storja intima mal-Ordni ta' San Ġwann u l-Kavallieri, għandna storja glorjuża tat-tieni gwerra dinjija u ta' battalji navali minn żmien il-qedem. Dawn huma biss eżempji tan-"niche tourism" li nistgħu nesploraw. Hemm ukoll l-aspett tat-turiżmu tal-cruises, fejn fl-aħħar sena qabel il-pandemija 700,000 Amerikan ħadu cruise fil-Mediterran u din kienet żieda ta 29% fuq is-sena ta' qabel. Irridu nsaħħu s-suq tal-cruises mhux biss billi Malta tkun destinazzjoni fejn l-Amerikani jieqfu fil-vjaġġ tagħħom fil-Mediterran, imma rridu niżvillupaw li Malta tkun il-port tat-tluq tat-turisti mill-Amerika u l-Kanada. Dan jista' jseħħ biss jekk ikun hemm "Air-links" tajba bejn iż-żewġ pajjiżi. Flimkien mal-Malta Tourism Authority u dawk kollha li għandhom interess f'dan il-qasam jiena irrid inkompli nsaħħaħ it-turiżmu li hu tant importanti għall-ekonomija Maltija.

Fl-aħħar, iżda mhux l-anqas, irridu nsaħħu r-relazzjonijiet li Malta għandha ma l-istituzzjonijiet akkademiċi Amerikani kemm fuq "knowledge-based services" kif ukoll fuq taħriġ, riċerka u żvilupp. Hawn ukoll irridu naraw kif naċċessaw il-potenzjal tad-Diaspora Maltija li għamlet suċċess kbir f'dan il-qasam, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspett akademiku kif ukoll fir-riċerka. Irridu naraw kif Malta tkun fl-orizzont ta' dawk li jridu jagħmlu r-riċerka, fejn il-klima tagħna tagħti lok għal riċerka speċjalizzata fuq it-tibdil fil-klima u fejn l-istorja tagħna tagħti lok għal riċerka diversa fl-arkeoloġija, fil-lingwi, eċċetra. Ir-riċerka ma' għandhiex tkun limitata biss għall-istituzzjonijiet akkademiċi imma għandna nsaħħu r-riċerka f'dak li jissejjaħ "applied research" u permezz ta' dan insaħħu u ntejbu l-industrija u l-prodott tal-manifattura Maltija.

Dawn fi ftit kliem huma l-ideat tiegħi ta' kif nistgħu nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-Amerika u b'hekk ukoll inkomplu nkattru l-iżvilupp ta' Malta. Nemmen li biex nagħmel dan kollu l-bieb tiegħi jrid ikun miftuħ għall-viżitaturi Maltin kollha u li l-"outreach" għandha tibda mill-ewwel ġurnata biex dan il-programm iseħħ.

2. Bħala Ambaxxatur Residenti, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali bejn l-Istati Uniti u Malta rispettivament? Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

   Ix-xogħol ta' Ambaxxatur Residenti huwa dak li jesponi l-aktar aspetti importanti tal-ħajja u l-iżvilupp tal-pajjiż li jirrappreżenta. F'dan ir-rigward nemmen li bħala Ambaxxatur irrid inkompli niżviluppa r-relazzjonijiet diplomatiċi ma' dawk li huma fit-tmexxija tal-pajjiż; ma' dawk li jistgħu jkollhom interess fil-kummerċ ma' Malta u

ma' dawk li jistgħu jaraw opportunità ta' riċerka ma' u f'Malta. Dan kollu ma tistax tagħmlu waħdek u allura beħsiebni nkompli nibni r-relazzjonijiet mad-diaspora Maltija għax dawn huma l-aħjar eżempju ta' kemm il-poplu Malta jaspira għas-suċċess u kemm hemm potenzjal fil-poplu Malti, li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-aqwa riżors sostenibbli tal-pajjiż. Sa minn meta kont student Londra, u speċjalment fl-aħħar wieħed u għoxrin sena meta kont naħdem mal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, dejjem użajt il-bżulija u dinjità tax-xogħol bħala l-aqwa reklam għal Malta. Jien studjajt u ħdimt f'ambjenti fejn ħafna mill-ħbieb u l-kollegi tiegħi qatt ma kienu ltaqgħu ma' Malti u rari kienu jafu fuq Malta. Bix-xogħol u l-bżulija tiegħi nispera li dejjem ħallejt impressjoni tajba dwar pajjiż twelidi. Dan għallimni li l-aqwa publiċità li nistgħu nużaw biex insaħħu isem pajjiżna huwa permezz ta' dawk il-persuni Maltin u ta' dixxendenza Maltija, li għamlu suċċess għalihom u indirettament għal pajjiżna. Fl-Istati Uniti hemm diversi Maltin li rnexxew fil-qasam tal-mediċina u r-riċerka li importanti nkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet tal-Ambaxxata magħhom biex permezz tagħhom intejbu r-rabtiet politiċi u soċjali.

Dan mhux ser ikun xogħol faċli u għalhekk irridu nsibu niċeċ speċifiċi bħal perezempju fil-qasam tal-kultura, permezz tal-Ambaxxatur Kulturali Joseph Calleja. Irid ikun pjan koordinat li nispera, jekk ningħata l-inkarigu, inkun nista' nfassal ma' sħabi fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Kummerċ u l-entitajiet rispettivi Maltin. Kif diġà għidt waħda mill-impenji prinċipali tiegħi ser tkun l-"Outreach" kemm fl-Amerika kif ukoll f'Malta.

3. Għalkemm ma taqgħax strettament taħt id-dekasteru tiegħek bħala ambaxxatur, kemm taħseb li se tkun importanti l-parteċipazzjoni ta' Malta fuq il-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda? Kif taħseb li tkun tista' tassisti f'din il-ħidma?

   Filwaqt li diġà elenkajt xi ħsibijiet dwar dan fir-risposta għall-ewwel mistoqsija magħmula mill-Membri tal-Gvern, intenni li permezz ta' kuntatt regolari mal-missjoni permanenti Maltija fi New York, jiena nkun nista' nanalizza liema huma dawk l-oqsma l-aktar pertinenti li rridu nsaħħu ma l-Istati Uniti. Minn hemm tibda ħidma diplomatika mal-membri relevanti fil-Gvern Amerikan, u hawn huwa importanti li bħala Ambaxxatur mill-ewwel ġranet insaħħaħ ir-relazzjonijiet tiegħi mal-amministrazzjoni Amerikana.

   Huwa kkalkulat li fid-dinja hawn 750 miljun adult li huma llitterati u żewġ terzi ta' dawn huma nisa. L-illitteriżmu huwa qrib ħafna tal-mara tal-President Biden, Dr Jill Biden u nispera li dan ikun ta' vantaġġ għal Malta meta din it-tema titressaq fil-kuntest tas-sigurtà dinjija. Dan huwa wkoll fil-kuntest tal-"Global Health Security" fejn l-istudji fl-Istati Uniti u f'pajjiżi oħra juru li hemm relazzjoni bejn il-litteriżmu u s-saħħa. Dawk li għandhom l-anqas livell ta' abiltà fil-qari għandhom l-aktar livell baxx ta' saħħa fiżika speċjalment fil-pajjiżi l-inqas żviluppati. Hemm ukoll studji li juru li bniet b'livell baxx tal-litteriżmu huma darbtejn u nofs aktar f'riskju li jsiru ommijiet meta jkunu għadhom fil-bidu tal-adolexxenza (early teens). Studji oħra juru li hemm relazzjoni bejn il-livell tal-litteriżmu u l-vjolenza fuq in-nisa fid-dar u l-komunità. Ngħaqqad ma' dan is-suġġett il-fatt li l-Istati Uniti fl-2017 għaddew liġi komprensiva dwar "Women, Peace and Security", liema liġi ġiet imsaħħa fl-2020 bil-pjan ta' implimentazzjoni maħruġ mid-Dipartiment tal-Istat (State Department). B'dan il-pjan is-"Secretary's Office of Global Women's Issues" iservi ta' koordinatur biex tirrinforza l-"global leadership" ta l-Istati Uniti biex tippromovi r-rwol tal-mara fl-aġenda tal-paċi u s-

siġurtà globali. Dan permezz tad-diplomazija, partnerships u transformazzjoni tal-policies internazzjonali.

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, irridu nkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mal-Istati Uniti mhux biss fuq it-tibdil tal-klima imma speċjalment fil-kuntest ta' kif din taffetwa s-siġurtà Globali. L-estremitajiet tal-klima mhux biss qed joħolqu problemi bin-nuqqas ta' siġurtà fl-ikel u l-ilma (food and water insecurity), imma hija fattur importanti għas-sigurtà globali, bl-effett ekonomiku tat-tibdil fil-klima jkun kawża indiretta ta' mobilizzazzjoni ta' popli sħaħ u li qed ukoll iwassal għall-instabbilità politika f'partijiet tad-dinja. Għalhekk irridu nkomplu nsaħħu l-kuntatti tagħna ma' entitajiet bħall-Aġenzja tal-Protezzjoni Ambjentali tal-Istati Uniti (US EPA) li għandha l-mandat li tikkumbatti l-kriżi fil-klima kemm internament fl-Istati Uniti, kif ukoll internazzjonalment.

4. X'taħseb li huma n-niċeċ ekonomiċi, turistiċi, teknoloġiċi u kummerċjali li nistgħu insibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-Istati Uniti? Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Kif diġà spjegajt fir-risposta għall-ewwel mistoqsija mill-Membri tal-Gvern, dan huwa it-tielet binarju tal-pjan tiegħi, jekk niġi approvat u maħtur Ambaxxatur. Però, nixtieq inżid li Malta trid tkompli tesplora l-possibiltà ta' aktar investiment dirett barrani (FDI) mill-Istati Uniti. Irridu nsaħħu l-opportunitajiet li għandna kemm permezz tad-diaspora Maltija kif ukoll il-kuntatti li wħud mill-Konsli Ġenerali jista' jkollhom biex nesploraw il-possibilità ta' manifattura "high tech" f'oqsma bħal "precision engineering", l-elettronika u teknoloġija fil-qasam tas-saħħa, bħal dik tal-farmaċewtika u l-bioteknoloġija. Hawn irridu naħdmu kemm mal-entitajiet relevanti fil-Malta Enterprise, kif ukoll mal-Università u l-MCAST biex nuru l-potenzjal tal-ħaddiem Malti fi sferi bħat-teknoloġija tal-informatika u r-riċerka u l-iżvilupp (R&D).

Inkomplu nsaħħu s-setturi li diġà nbdew bħar-riċerka fl-"aerospace", imma wkoll nesploraw oħrajn ġodda, permezz ta' eżempji fattwali, bħal perezempju x-xogħol eċċelenti li qed isir fl-"aviation maintenance".

Fir-rigward tas-settur tat-"transshipment" u s-servizzi relatati, irridu nkomplu nsaħħu l-fatt li Malta hija port organizzat u sigur. Il-pożizzjoni strateġika tagħna bejn is-swieq Ewopej u dawk tal-Afrika ta' Fuq, kif wkoll il-fatt li aħna membri tal-Unjoni Ewropea, taż-Żona Ewro u tas-Schengen, kollha jgħinu biex Malta tkun pajjiż ta' interess kummerċjali għall-Istati Uniti. Ma' dan irridu nżidu t-telekomunikazzjoni eċċellenti li għandna, kif ukoll il-fatt li l-maġġoranza tal-"workforce" Maltija titkellem ukoll bl-Ingliż. Ix-xogħol siewi li qed isir fil-port ħieles sabiex jiġi żgurat li dan ma jintużax bħala port li jiffaċilita t-traffikar tan-narkotiċi huwa "track record" importanti.

Irridu wkoll nippromwovu aktar l-industrija tal-films fejn għandna waħda mill-ftit faċilitatjiet fejn jistgħu jinġibdu xeni fuq il-baħar. L-investiment ġdid li qed jiġi ppjanat f'dan is-settur għandu jkun ta' xprun għal aktar pubbliċità biex Malta tkompli ssaħħaħ dan is-settur. Flimkien mal-"Malta Film Commission" u oħrajn ser naħdem biex insaħħaħ dan is-settur.

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, il-fatturi li diġà semmejt tal-ġeografija, konnettività u "workforce" Maltija għandhom jiġu sfruttati aktar biex nattiraw operazzjonijiet ta' "Back Office" u "Regional Support Operations", kif ukoll servizzi relatati mal-loġistika. L-esperjenza tal-Pandemija wrietna, u fl-Istati Uniti din inħasset sew, illi ċerti servizzi jistgħu jsiru minn kwalunkwe post fid-dinja sakemm għandek it-teknoloġija, l-informatika u l-persuni b'taħriġ u kompetenzi xierqa. Dawn l-oqsma tax-xogħol, li semmejt, jistgħu jkunu esplorati bħala potenzjal ta' kummerċ mill-Istati Uniti lejn Malta.

Kif diġà semmejt f'risposti oħra, nara potenzjal kbir fil-qasam tat-turiżmu u ser naħdem mal-assoċjazzjonijiet kollha li għandhom interess fit-turiżmu biex nimmeljoraw dan il-qasam.

5. Tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

Malta u l-Istati Uniti għandhom tlettax-il trattat bilaterali. Alludejt għal xi trattati fir-risposta numru wieħed iżda b'mod speċifiku naħseb li rridu nkomplu nsaħħu t-trattat li jikkonċerna l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi biex nikkumbattu t-traffikar fuq il-baħar tan-narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi li kien iffirmat fl-2004. B'hekk ukoll nkunu qed noperazjonalizzaw wieħed mill-erba' pilastri tal-mandat ta' Malta fil-kunsill tas-siġurtà tal-Ġnus Magħquda.

Importanti li nkomplu nutilizzaw it-trattat dwar it-taxxa doppja li ġie fis-seħħ fl-2011 u dan sabiex nattirraw aktar opportunitajiet kummerċjali. Kif diġà spjegajt aktar minn nofs il-kumpaniji fl-Unjoni Ewropea li jesportaw lejn l-Istati Uniti huma intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju u li f'dan ir-rigward it-trattat tat-taxxa doppja jista jkun ta' attrazzjoni biex jinfetħu opportunitajiet ġodda għall-Maltin.

Trattati li jistgħu jkomplu jiġu żviluppati aktar u esplorati, huma dawk relatati mat-tibdil fil-klima kif maqbul fil-ftehim ta' Pariġi dwar il-klima (Paris Climate Agreement) u li nsemmi f'aktar dettal fir-risposta tiegħi għall-mistoqsija sitta.

6. Kif tara li Malta u l-Istati Uniti jistgħu jikkollaboraw fuq livell ambjentali? Tara li hemm lok fejn b'xogħlok bħala ambaxxatur tkun tista' tħeġġeġ kollaborazzjoni f'dan is-settur?

Kif semmejt fir-risposti tiegħi għall-mistoqsijiet preċedenti, l-ambjent u t-tibdil fil-klima huma fatturi importanti fir-relazzjoni diplomatika ta' Malta mal-Istati Uniti.

L-effetti tal-klima fl-Istati Uniti qed jinħassu bl-estremitajiet tat-temp, fejn stati differenti qed jinħakmu minn ħruq katastrofiku tal-boski (wildfires), minn għargħar li qed jgħarraq kommunitajiet sħaħ u uragani b'saħħa estrema li jagħmlu qerda totali kull fejn jolqtu. Kull sena dawn biss qed iħallu spiża ta' biljuni ta' dollari Amerikani u għalhekk din hija prijorità tal-amministrazzjoni fl-Istati Uniti.

L-Amministrazzjoni tal-President Biden ħadet azzjonijiet eżekuttivi biex tikkumbatti l-kriżi tal-klima kemm internament kif ukoll fuq livell internazzjonali. Ħadet azzjonijiet biex tipproteġi s-saħħa pubblika u l-ambjent u terġa' ġġib l-evidenza xjentifika fid-

deċiżjonijiet dwar il-kriżi fil-klima u fl-aħħar, iżda mhux l-inqas ingħaqdet mill-ġdid fil-ftehim tal-klima ta' Pariġi (Paris Climate Agreement).

F'dan il-kuntest il-President poġġa l-kriżi tal-klima bħala ċ-ċentru tal-politika internazzjonali tal-Istati Uniti, kif ukoll fiċ-ċentru tas-sigurtà nazzjonali. Din hija opportunità unika għal Malta biex taħdem id f'id ma l-Istati Uniti kemm fuq livell bilaterali kif ukoll fuq livell multilaterali.

Kif diġà semmejt Malta għandha tkun il-pont u l-vuċi tal-gżejjer iż-żgħar, kif ukoll issib l-opportunitajiet li tiżviluppa, ma' istituzzjonijiet fl-Istati Uniti, riċerka relatata mat-tibdil fil-klima u l-gżejjer iż-żgħar.

Irridu nesploraw aktar il-possibilitajiet ta' koperazzjoni eqreb fl-oqsma tal-enerġija rinovabbli u l-mekkaniżmi biex jitnaqqas it-tniġġiż tal-arja.

7. Tista' telabora ftit iżjed fuq il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Tul il-karriera u l-istudji akkademiċi tiegħi kelli diversi opportunitajiet fejn tgħallimt kif inkun diplomatiku u dawn l-esperjenzi nispera li ppreparawni għall-kariga ta' Ambaxxatur.

Nibda billi nsemmi li meta fis-snin tmenin kont student fl-Università ta' Londra kont nirrappreżenta lill-istudenti tal-Commonwealth f'isem Kings College u għal diversi snin attendejt għall-attivitajiet uffiċjali tal-Commonwealth Day f'Londra. Din kienet l-ewwel esperjenza tiegħi fil-qasam tad-diplomazija għaliex hemm ridt nirrappreżenta sew, mhux biss lil sħabi studenti tal-Commonwealth, iżda partikolarment lill-kulleġġ ta' Kings. Insemmi ħawn li jien kont l-ewwel Malti li ggradwajt bil-Baċellerat u l-Masters fin-nutrizzjoni u d-dijatetika u bħala student ridt li dejjem inżomm lil Malta fi prestiġju għoli.

Meta rritornajt Malta kelli l-inkarigu li nibda s-servizz dijatetiku fil-qasam tas-saħħa u ħawn ukoll kelli esperjenzi varji fejn irrappreżentajt lil Malta f'fora internazzjonali. Tgħallimt ħafna meta servejt bħala segretarju u wara bħala viċi-president tal-organizzazzjoni Ewropea "Diabetes Education Study Group" fi ħdan l-Għaqda Ewropea għall-istudji dwar id-Dijabete. Waqt li kont qed inservi bħala kap tat-taqsima għall-promozzjoni tas-saħħa ġejt mitlub biex inwaqqaf it-taqsima tas-saħħa internazzjonali (International Health) u hawn jien kabbart l-esperjenza diplomatika fis-saħħa pubblika bl-interazzjonijiet li kelli mal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa u bħala "liaison" mal-Ministeru ta l-Affarijiet Barranin Malti. Matul dan il-perjodu ġeddejna l-ftehim bilaterali dwar is-saħħa mar-Renju Unit, kif ukoll dak dwar il-mediċina tradizzjonali maċ-Ċina.

Wieħed u għoxrin sena ilu jien sirt l-ewwel Malti li ġejt magħżul u impjeġat mal-Organizzazzjoni Pan Amerikana tas-Saħħa (PAHO), l-eqdem organizzazzjoni tas-saħħa pubblika fid-dinja u li wkoll isservi bħala d-diviżjoni tal-"America" tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO). Dan kien unur kbir, iżda wkoll responsabbiltà kbira, għax bħala Malti ridt nuri l-kapaċitajiet tagħna bħala nazzjon u ridt dejjem nipproteġi l-isem

ta' Malta. Fil-kariġa li kelli komplejt żidt l-esperjenza tiegħi fid-diplomazija għaliex jien kont responsabbli mill-kooperazzjoni teknika mal-pajjiżi kollha tal-CARICOM, fejn kont regolarment niltaqa' mal-ministri tas-saħħa u oħrajn, peress li l-portafoll tiegħi kien dak tan-nutrizzjon fl-ambitu tas-saħħa tal-popli tal-Karibew. F'dan il-perjodu jien ukoll komplejt l-istudji akkademiċi tiegħi biex ġibt id-dottorat fis-saħħa pubblika u kien wkoll ta' unur għalija li kont l-ewwel student Malti li attenda l-Università tal-West Indies f'dan il-livell. Għalhekk kelli mhux biss niżgura li nkun ta' suċċess fuq livell personali imma wkoll li dejjem inżomm isem Malta fuq quddiem.

Mill-Karibew għaddejt għal kariga oħra, din id-darba f'Ġinevra, fejn kont immexxi team żgħir fil-kwartieri ġenerali tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa. F'dan il-perjodu mhux biss komplejt insaħħaħ l-esperjenza fid-diplomazija iżda wkoll rajt l-arti tad-diplomazija tiġi użata fil-prattika waqt il-laqgħat tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa u l-laqgħat tal-Board Eżekuttiv tal-WHO. Ipprattikajt l-arti tad-diplomazija jiena wkoll biex irnexxieli mmexxi l-ewwel sett ta' rakkomandazzjonijiet globali dwar l-eżerċizzju fiżiku u s-saħħa, kif wkoll r-rakkomandazzjonijiet globali dwar il-marketing tal-ikel u x-xorb mhux alkoħoliku lit-tfal. Għandi l-unur ngħid li r-riżoluzzjoni biex dawn għaddew mill-Assemblea ġiet addottata mingħajr ebda emenda.

Tmien snin ilu kont l-ewwel Malti li qatt ġie appuntat Rapprezentant tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO Representative) u ngħatajt l-inkarigu li mmexxi l-uffiċċju f'Barbados li wkoll ikopri l-pajjiżi indipendenti tal-Karibew tal-Lvant kif wkoll il-gżejjer Franċiżi u Ingliżi tal-Karibew. Fil-ħames snin li qattajt f'din il-kariga komplejt insaħħaħ u nuża d-diplomazija mhux biss f'laqgħat bilaterali mal-kapijiet tal-gvern u tal-istati taħt l-inkarigu tiegħi, iżda wkoll mal-korp diplomatiku akkreditat f'Barbados, speċjalment mal-Ambaxxaturi Amerikani u l-Kummissarji Għolja tal-Ingilterra u l-Kanada li kienu l-partners ewlenin ta l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa fil-Karibew. F'dan il-perjodu kellna l-pandemija tal-virus Zika u dik taċ-Chikungunya, kif wkoll diversi uragani li affettwaw il-gżejjer tal-Karibew. Fil-fatt esperjenzi uniċi fid-diplomazija kienu l-laqgħat bilaterali li kelli mar-Re Karlu III, meta kien għadu Prinċep ta' Wales u żar Barbados, kif ukoll mas-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, Ban Ki Moon. Tul dan il-perjodu saħħaħt id-diplomazija billi għamilt kors mal-Istitut tad-Diplomazija ta' Ġinevra fejn studjajt id-diplomazija fil-kuntest tas-Saħħa Pubblika. Għamilt ukoll korsijiet fil-kommunikazzjoni, il-management u fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tal-Ġnus Magħquda. Dawn servewni tajjeb meta ġejt appuntat UN Resident Coordinator A.I. fejn din hija l-għola kariġa fil-Ġnus Magħquda fil-livell tal-pajjiz. Hawn ukoll kont l-ewwel Malti li qatt ingħata dan l-inkarigu. F'dan il-perjodu kkoordinajt il-branki kollha tal-Ġnus Magħquda li jservu lill-Barbados u l-Karibew tal-Lvant.

Għal dawn l-aħħar tliet snin jien qed inservi bħala kap tat-taqsima li tikkoordina x-xogħol tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa fil-pajjiżi kollha tal-kontinent Amerikan u stazzjonat f'Washington DC. Jien għandi portafoll li jkopri mill-Alaska sal-Arġentina u f'dan il-portafoll hemm 27 uffiċċju fil-pajjiżi tal-kontinent, kif ukoll tliet uffiċini fit-tliet sub-reġjuni (il-Karibew, l-Amerika tan-Nofs u l-Amerika tan-Nofsinhar). Kif tistgħu timmaġinaw l-esperjenzi u t-tagħlim kollu li ħadt tul il-karriera kelli npoġġihom fil-prattika f'dawn l-aħħar sentejn u nofs hekk kif il-pajjiżi kollha tal-kontinent Amerikan kienu ffaċċjati bil-pandemija tal-COVID-19. Kelli laqgħat bilaterali u multilaterali ma' Ministri tas-Saħħa, Ministri tal-Affarijiet Barranin, kif ukoll laqgħat mal-kollegi tal-Ġnus Magħquda u organizzazzjonijiet bħall-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS), il-CARICOM u oħrajn. Fl-aħħar xhur, meta erġajna bdejna

niltaqgħu "face-to-face", kont nifforma parti minn laqgħat bilaterali fost l-oħrajn mal-President Bolsanaro tal-Brazil u l-President Fernandez tal-Arġentina. Kont ukoll parti minn laqgħat bilaterali li għamel id-Direttur Ġenerali tal-Għaqda Dinijia tas-Saħħa ma' ministri tas-Saħħa tal-Amerika. F'Settembru jien indirizzajt il-Konferenza Sanitarja tal-Pajjiżi Amerikani (PAHO Sanitary Conference) fejn attendew il-ministri tas-saħħa tal-pajjiżi kollha tal-kontinent Amerikan.

Għalkemm f'dawn l-aħħar wieħed u għoxrin sena jien ħdimt mal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa pero dejjem ippruvajt nara kif Malta jista jkollha vuċi dejjem akbar fil-kamp internazzjonali. Dan l-aħħar iffaċilitajt id-donazzjoni ta' Malta lil St Vincent and the Grenadines wara li żbroffa vulkan waqt li kienet għaddejja l-Pandemija; fid-donazzjoni tal-vaċċin tal-COVID-19 lil Antigua u Barbuda, kif ukoll waqt li Malta kienet qed tospita l-CHOGM billi ffaċilitajt il-parteċipazzjoni tal-Ministru tas-Saħħa ta' Grenada fejn ukoll saru laqgħat bilaterali bejn iz-zewġ ministri tas-saħħa.

Nispera li, jekk niġi approvat u maħtur, dan il-profil akademiku u professjonali jippreparani għall-inkarigu li jmiss bħala Ambaxxatur Malti.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif se ttejjeb ir-relazzjonijiet politiċi u dawk soċjali bejn Malta u Washington?

L-esperjenza tiegħi professjonali u akademika tagħtini l-viżjoni wiesgħa tal-politika internazzjonali. Kif spjegajt fir-risposta għall-ewwel mistoqsija mill-Membri tal-Gvern, il-pjan tiegħi, għalkemm forsi jidher ambizzjuż, hu wieħed li qiegħed imfassal biex intejbu r-relazzjonijiet politiċi u soċjali bejn iż-żewġ pajjiżi. Jien nemmen ħafna fil-kuntatt personali u tul il-karriera tiegħi fl-Għaqda Dinjija tas-Saħħa tgħallimt li biex ittejjeb ir-relazzjonijiet politiċi trid tifhem lin-naħa l-oħra, f'dan il-kaz l-Istati Uniti. Wara li tanalizza sew, tara x'inhuma l-aspetti importanti li biħom tista' ssib "common ground" jew "working ground" biex fl-aħħar mill-aħħar ikun hemm "win-win" bejn iż-żewġ pajjiżi.

Kif spjegajt fir-risposta għall-ewwel mistoqsija mill-Membri tal-Gvern il-pjan tiegħi, jekk inkun maħtur Ambaxxatur, fih tlett binarji:

a. Malta u l-Kunsill tas-Sigurtà Tal-Ġnus Magħquda
b. Id-Diaspora Maltija
c. Il-Kummerċ, turiżmu u edukazzjoni

flimkien joħolqu pjan li bih fit-terminu tiegħi nispera li nkun tejjibt u saħħaħt ir-relazzjonijiet politiċi u soċjali bejn Malta u l-Istati Uniti.

Fl-aspett politiku, naħseb li għandna opportunità unika, bil-preżenza ta' Malta fuq il-Kunsill tas-Siġurtà tal-Ġnus Magħquda, li nkattru r-relazzjonijiet mal-Istati Uniti. Fil-qasam tat-tibdil fil-klima, fejn l-Istati Uniti qed juru "leadership" globali, nara lil Malta bħala l-pont u l-vuċi tal-gżejjer iż-żgħar. Fl-aspett tas-sigurtà internazzjonali huwa importanti li nkomplu nsaħħu r-relazzjonijiet tagħna mad-diversi membri tal-Kungress f'Washington DC. Fil-fatt il-Kungress Amerikan fl-2017 għadda liġi dwar ir-rwol tan-nisa fil-paċi u s-sigurtà fejn saħaq li l-Istati Uniti għandhom ikunu fuq quddiem globalment biex jippromovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tmexxija tal-prevenzjoni ta' kunflitti, kif ukoll fl-irkupru ta' wara l-kunflitt. Il-liġi wkoll tkattar ir-rwol tan-nisa fil-parteċipazzjoni politika u t-tmexxija ta' ambjenti fraġili u partikolarment waqt tranżizzjoni lejn d-demokrazija u l-istabilità. Ninstab kunfidenti li b'ħidma mad-Dipartiment tal-Istat (State Department) u l-Kungress inkunu nistgħu nsaħħu r-relazzjonijiet politiċi f'dan il-qasam.

Fil-qasam ta l-illitteriżmu, il-mara tal-President Biden għandha passjoni għat-tagħlim, speċjalment għat-tagħlim tal-bniet, u għalhekk għandna punt fokali fejn nistgħu nibdew diskussjoni mal-Amministrazzjoni ta l-Istat Uniti.

Id-diaspora Maltija hija waħda mill-fatturi importanti biex intejbu r-relazzjonijiet mal-Istati Uniti. Il-bżulija tal-Maltin, il-Maltin li għamlu suċċess fl-Istati Uniti u l-kultura kumplessa, imma rikka ta' Malta rridu nirriklamawha bħala l-akbar riżors li għandu pajjiżna. Jekk insaħħu d-diaspora Maltija, kif spjegajt fir-risposta li tajt għall-ewwel mistoqsija magħmula mill-Membri tal-Gvern, din għandha tkun il-fundament biex insaħħu r-relazzjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi. Kif diġà għidt il-bieb tiegħi huwa miftuħ għall-Maltin kollha.

L-aħħar binarju tal-pjan tiegħi jiġbor flimkien il-kummerċ, it-turiżmu u l-edukazzjoni. B'dawn l-aspetti, kif diġà spejgajt fir-risposti l-oħra, kunfidenti li nistgħu nsaħħu, b'mod konkret u fattwali, ir-relazzjonijiet bilaterali. Diġà hemm relazzjonijiet tajba fil-qasam tal-edukazzjoni u r-riċerka speċjalment fil-livell tal-università. Billi nkomplu nsaħħu r-

relazzjonijiet fil-qasam tal-edukazzjoni u r-riċerka jien żgur li nkunu qed intejbu r-relazzjonijiet soċjali, kulturali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi.

2. Il-Wirt Kulturali huwa importanti u tajjeb li wieħed jagħtih importanza biex l-identità Maltija tibqa' f'qalb dawk kollha li emgiraw u l-ġenerazzjonijiet ta' warajhom u dawk li tilgħin. Kif se tagħmel dan mal-Maltin li jgħixu ġewwa Washington?

Il-Wirt Kulturali Malti u d-diaspora Maltija hija waħda mill-binarji tal-pjan tiegħi u li spjegajt fit-tul fir-risposta li tajt għall-ewwel mistoqsija mill-Membri tal-Gvern. Fl-aspett tal-Wirt Kulturali nkompli nżidu li għandna diversi oqsma li mhux biss huma uniċi, iżda li huma ta' interess għall-gruppi speċifiċi fl-Istati Uniti. Il-konnessjoni dirett li għandna mal-Bibbja, il-fatt li meta tikkunsidra d-daqs ta' Malta għandna mhux biss storja twila u kumplessa, iżda għandna numru ta' siti li huma "UNESCO World Heritage" u l-istorja rikka tal-lingwa u l-kultura, huma kollha oqsma li rridu naħdmu flimkien biex inġeddu ġol-Amerika. Il-wirt Malti ftit jafuh nies fl-Istati Uniti u nispera li ma "Heritage Malta" u entitajiet oħra, inkunu nistgħu nesponu aktar dan il-wirt nazzjonali Malti.

Fir-rigward tal-kultura rridu naħdmu aktar mal-Ambaxxatur tal-Kultura Joseph Calleja biex il-wirt Malti li hemm fid-diaspora jiġi żviluppat u espost aħjar kemm fl-Istati Uniti kif ukoll f'Malta. Irridu nesponu aktar il-qasam tal-ikel u x-xorb Malti fejn jista' jkun hemm potenzjal mhux biss kulturali iżda wkoll turistiku u kummerċjali.

Il-Maltin li jgħixu ġewwa Washington huma primarjament dawk li jaħdmu fl-istituzzjonijiet kbar nazzjonali u internazzjonali li huma bbażati fil-kapitali tal-Istati Uniti. Ħafna minn dawn huma professjonisti u jikkontribwixxu biex iżommu isem Malta fl-isfera internazzjonali. Huwa importanti li nkomplu niżviluppaw in-"network" fost dawn il-Maltin. Għalhekk il-bieb tiegħi ser ikun dejjem miftuħ. Il-komunità Maltija f'Washington hija żgħira meta mqabbla mal-Maltin kollha li jgħixu fl-Istati Uniti, li fl-aħħar ċensiment wera li hawn aktar minn 246,000. Kif diġà semmejt fil-bidu tat-tweġibiet tiegħi d-diaspora Maltija trid tiġi msaħħa biex dawk is-sagrifiċċji li għamlu l-ġenerazzjonijiet ta' qabel ma jintilfux u l-ġenerazzjonijiet preżenti ma jinsewx u ma jinqatawx mill-viżjoni Maltija. Huwa importanti li nikkolaboraw mal-entitajiet interessati biex nirreġistraw l-istorja tal-Immigranti Maltin fl-Istati Uniti, imma wkoll insibu mezzi moderni kif il-ġenerazzjoni preżenti titgħallem aktar dwar il-wirt u l-lingwa Maltija. Mhux biżżejjed li dawk li huma tat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni jisimgħu l-istorja mingħand in-nanna u jiġu Malta fil-ġimgħa tal-festa tal-belt jew raħal fejn twieled in-nannu. Hemm bżonn ta' esperjenzi fattwali permezz ta' twinnings u exchanges bejn istituzzjonijiet edukattivi u kulturali fiż-żewġ pajjiżi. B'hekk inkunu nistgħu mhux biss nippriżervaw il-wirt kulturali mhux tanġibbli, iżda wkoll naġġornaw dan il-wirt kemm f'Malta kif wkoll fid-diaspora Maltija f'Washington u fl-Istati kollha tal-Amerika.